MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 983/2004

**Daniel Borg.**

**-vs-**

**Alfred Borg sew proprju kif ukoll bhala direttur u azzjonista ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' f'isem kollettiv A & D Borg.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Dicembru, 2004 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa socju fis-socjeta' f'isem kollettiv A&D Borg.

U illi skond kif jirrizulta mill-att kostituttiv tas-socjeta konvenuta [kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A] l-attur u huh Alfred Borg huma l-unici socjetarji tal-imsemmija socjeta;

U illi r-relazzjoni bejn l-attur u huh iddegeneraw b'tali mod li ma ghadx hemm dik il-fiducja necessarja bejn iz-zewg partijiet li hija fattur essenzjali ghall-ezistenza ta' socjeta' f'isem kollettiv;

U illi tali telf ta' fiducja wasslet ghal "deadlock situation" fejn l-ebda decizjoni ma tista' tittiehed b'rizultat li s-socjeta ma tistax tilhaq l-ghanijiet li ghalihom twaqqfet liema stat qieghed ikun ta' pregudizzju ghall-posizzjoni finanzjarja u ekonomika tal-attur qua socjetarju;

U illi mill-premess jirrizulta manifestament illi n-nuqqas ta' ko-operazzjoni bejn iz-zewg socjetarji wassal lis-socjeta fi stat fejn ma tistax tkompli topera;

U li l-kawza fost ohrajn tas-sitwazzjoni presenti huwa li l-mod ta' kif tmexxew, qed jitmexxew jew x'aktarx jitmexxew l-affarijiet tas-socjeta huwa oppressiv b'mod mhux gust diskriminatorju kontra jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju ghall-interessi ta' l-attur;

U li ghalhekk jirrizulta li ji jissussistu r-ragunijiet ta gravita sufficjenti li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tas-socjeta konvenuta a tenur tal-artiklu 214(2)(b)(iii) u tal-artiklu 402(3)(g) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. M'ghandux jinhatar amministratur provvisorju sabiex provissorjament u pendente lite jamministra l-assi u n-negozju tas-socjeta konvenuta taht dawk id-direttivi u

ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fil-kaz u dan a tenur ta’ l-Art. 228 tal-Kap386 Tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. M’ghandux jigi ordnat ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali ta’ l-istess socjeta’;

3. M’ghandux jinhatar l-istralcarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Kumpaniji.

Bl-ispejjez, b’rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri fil-ligi u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-4 ta’ Marzu, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament sa fejn l-azzjoni hija diretta kontra l-eccipjent personalment din hija ghal kollox insostenibbli u dan peress li artikolu 25 (1) tal-kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi s-segwenti u cioe; “Sa fejn l-att tas-socjeta’ ma jipprovdix mod iehor, l-amministrazzjoni u r-rapprezentanza tas-socjeta’ tkun f’kull wiehed mis-socji individwalment”. Dan ifisser li skond l-att kostituttiv tal-imsemmija socjeta’ *en nom* kollettiv artikolu tmienja (8) jistabilixxi li “The Administration and representation of the Partnership is vested in the partners, acting jointly and severeally...”. Kwindi l-azzjoni ma gietx diretta korrettament sa fejn jirrigwarda lill-eccipjent personalment u l-anqas ma setghet tigi inizjata singolarment u wahdu mill-attur, u kwindi ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit *dato ma non concesso* li ma

tigix milqugha l-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent ghandu *de proprio* jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju xorta wahda, ghax kellha fi kwalunkwe kaz tigi diretta kontra tieghu nomine u cioe ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' *en nom kollettiv*, li fit-termini tal-ligi dejjem tibqa' awtonoma u indipendenti mis-socji li jikkomponuha.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju u subordinatament ghas-sueccepit, *dato ma non concesso* li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet precedenti, l-azzjoni kwantu kostruwita fuq l-artikoli citati fic-citazzjoni hija insostenibbli ghaliex tali artikoli jirreferu biss ghal s-socjeta' b'responsabbilita' limitata u mhux dik *en nom* kollettiv, tant huwa hekk li tali artikoli huma inkorporati fil-Kapitoli tal-Att (Kap 386) taht it-Taqsima V intestat "Kumpanija ta' Responsabbilita' Limitata". Kumpaniji f'isem kolettiv huma regolati unikament mit-Taqsima IV tal-Att in kwistjoni u l-likwidazzjoni u stralc tal-istess huma regolati mill-artikoli 35 et sequens tal-Att in kwistjoni. Kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, *dato ma non concesso* li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet sudetti, l-azzjoni kellha ssir permezz ta' rikors u mhux ta' citazzjoni u in kwantu hekk diretta l-procedura utilizzata hija irritwali ghall-ahhar. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-proviso tal-artikolu 218 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, u liema irritwalita' ma hix sanabbli ai termini tal-artikolu 164 tal-Kap 12, l-proceduri ghandhom jinbdew bir-rikors, kif fil-fatt huwa l-kaz odjern. Kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-attur.

5. Ili kif jissottometti l-istess attur kemm fil-premessi u kif ukoll fid-dikjarazzjoni, kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni, pero fil-verita' din kienet gejja min-naha tal-attur. Fis-sustanza s-socjeta in kwistjoni prosperat u fil-

fatt ghad ghandha kull potenzjal li tipprospera pero, minn meta l-attur kien riesaq ghall-eta pensjonabbli u tifel minn tieghu li kien ex-impjegat mieghu stabilixxa ruhu fl-istess linja ta’ kummerc, l-attur beda jaghmel minn kollox biex is-sens ta’ fiducja reciproka li kien hemm bejniethom tigi frantumata. Huwa minnu li bl-agir tieghu, gieli anke vjolenti, l-attur kien u ghadu qieghed jaghmilha difficli biex is-socjeta’ tigi amministrata b’dik is-serenita li jixraqilha biex b’hekk dan beda jirrifletti fuq il-produttivita tas-socjeta. Ghalkemm l-eccipjent jammetti li jekk isaltan is-sens komun il-kontendenti jistghu jibqghu ghaddejjin fi triq ta’ prosperita u f’dan is-sens ma jaqbilx li s-socjeta’ ghandha tigi stralcjata.

6. Illi l-eccipjent ilu s-snin qua ko-socju, jahdem manwalment u anke jamministra fit-termini tal-artikolu 8 tal-Att kostituttiv u cioe mhux wahdu izda flimkien b’mod konguntiv mal-attur. Illi inoltre l-eccipjent bi ftehim mal-attur kellu u ghandu l-kompitu illi jzomm il-kotba tal-kumpanija u jaghmel l-ordinijiet tax-xoghol filwaqt illi l-attur kellu u ghandu l-kompitu illi jzomm il-kotba tal-kumpanija u jaghmel l-ordnijiet tax-xoghol filwaqt illi l-attur kellu u ghandu l-kompitu illi jaghmel xoghol ta’ naturali manwali. Dan ser jigi ippruvat u jista’ jigi konfermat minn diversi accountants u awdituri tas-socjeta’.

7. Illi l-eccipjent dejjem agixxa u adempixxa id-doveri tieghu fl-interess tas-socjeta’.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Mejju, 2006 illi permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attur biex issir korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni u minnflok in-numru 214 (2) (B) (ii) gie jaqra n-numru 35.

Rat il-verbal ta’ l-istess seduta tad-29 ta’ Mejju, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel zewg eccezjonijiet ma jippresentawx xi diffikoltajiet kbar ghaliex kif irritieniet il-Qorti t’Ghawdex u sussegwentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza Joseph Portelli vs Roger Portelli et nomine (27 ta’ April, 1988);

*Il-ligi ma taghmel ebda restrizzjoni dwar kontra min azzjoni bhal dik prezenti tista’ tigi esercitata. Ma hemm l-ebda disposizzjoni ta’ ligi li espressament tistabilixxi li azzjoni ta’ xjoljiment ta’ socjeta’ ghanda tigi esercitata biss kontra d-diretturi in rapresentanza tas-socjeta’ li taghha tkun qed tintalab ix-xoljiment. Ma hemm xejn fil-ligi li tghid li l-azzjoni ghal xoljiment ta’ socjeta’ ma tistax tigi esercitata kontra s-soci minbarra kontra d-diretturi in rapresentanza tas-socjeta’. Japplika ghalhekk il-principju generali li kull persuna ghandha interess tavvanza talba simili. Azzjonista jista’ jkollu interess u dan l-interess ma jigix nieqes ghaliex l-azzjonista huwa fl-istess hin wiehed mid-diretturi tas-socjeta’.*

F’dik il-kawza l-konvenuti kienu gew imharrkin f’isimhom u bhala diretturi u in rappresentanza tas-socjeta’ in kwistjoni – ezatt kif sar f’din il-kawza. Huwa minnu li l-kawza msemmija saret skond l-Ordinanza tal-1962 li kienet tirregola s-socjetajiet kummercjali u din giet illum rimpjazzata bl-Att XXV tal-1995 izda din il-ligi ma biddlet xejn sostanzjali dwar din il-materja.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad l-ewwel zewg eccezjonijiet tal-konvenut.

It-tielet eccezzjoni trid tigi esaminata fid-dawl tal-korrezzjoni illi giet akkordata mill-Qorti fis-sens li minflok l-Artikolu 214 irid jinqara l-Artikolu 35, u din it-talba saret

ghaliex l-attur irrealizza li l-Artikolu 214 japplika ghas-socjetajiet ta' responsabilita' limitata u mhux ghal socjeta' *en nom collectif* kif hija dik in kwistjoni. Infatti l-Artikolu 214 jirreferi dejjem ghal *kumpanija* illi skond it-tieni artikolu tal-Att in kwistjoni tfisser socjeta' ta' responsabilita' limitata. L-Artikolu 35 kif korrettament osservaw il-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet jirreferi ghal stralc ta' socjeta *en nom collectif*. L-attur pero' ma talabx korrezjoni ghall-Artikolu 402 u li ghalhekk dan ghadu jservi bhala bazi, flimkien ma' l-Artikolu 35 ta' l-azzjoni tieghu.

Madankollu ezami anke superficjali ta' l-Artikolu 402 jindika car li dan ukoll jirreferi ghal socjetajiet ta' responsabilta' limitata; infatti l-ewwel sub-artiklu jibda bil-kliem *Kull membru ta' kumpanija* u anke l-isem ta' l-artikolu huwa *Harsien ta' azzjonisti kontra pregudizzju mhux gust*. Dan allura jfisser li ma japplikax ghas-socjeta' in kwistjoni, peress li din m'hijiex *kumpanija* skond it-tifsira ta' l-istess Kap. 386 u tali socjeta' u cioe' dik *en nom collectif* ma tikkonsistix f'azzjonisti izda f'socji – u dwar dan il-kliem tal-ligi huwa car. Ghalhekk l-azzjoni in kwantu bazata fuq dan l-artikolu hija insostenibbli ghaliex ma tapplikax ghal socjeta' bhal dik in kwistjoni. Kwindi l-eccezzjoni, in kwantu riferibbli ghal dan l-artikolu hija milqugha. Naturalment dan ma japplikax ghal dak li jirrigwardja l-Artikolu 35.

Jibqa' ghalhekk il-kwistjoni jekk il-kawza kellhiex tigi mibdija b'rikors. Naturalment din il-kawza giet intavolata qabel dahal fis-sehh l-Att XXII tal-2005 meta l-procedura normali biex tinbeda kawza kienet ic-citazzjoni. Din il-Qorti gia' kellha okkazjoni tikkumenta fil-kawza <u>Mizzi vs Grech</u> illi kienet

kawza bbazata fuq l-Artikolu 402. Dan jindika car li l-azzjoni in kwistjoni ghandha tinbeda b'rikors. Il-Kapitolu 12 fl-Artikolu 164 (2) jaghmilha cara li meta kawza li suppost tinbeda b'rikors tinbeda b'citazzjoni l-Qorti ghandha s-setgha li tordna lill-attur ibiddel il-forma ta' l-att

promotur u issalva l-azzjoni. Dan l-istess sub-artikolu pero' jghid ukoll li din ir-regola ma tapplikax fejn huwa indikat b'xi ligi ohra li kawza ghandha tinbeda b'rikors. Is-sub-artikolu 1 ta' l-istess artikolu kien jistipula bhala regola generali li fejn ghandha tintuza citazzjoni (dak iz-zmien) jew rikors ta' appell u tintuza xi forma ohra dak l-att huwa null. Dan fil-prattika ifisser li l-artikoli in kwistjoni ma jghidux car u tond x'jigri jekk permezz ta' dik il-ligi partikolari l-att promotur irid ikun rikors u tintuza citazzjoni, ghalkemm jidher li *a contrario sensu* ifisser li l-att ikun null.

Din il-kawza pero' hija bbazata ukoll fuq l-Artikolu 35 u ghalkemm dan l-artikolu ma jghidx car u tond li kawza ghal stralc ta' socjeta' *en nom collectif* trid issir b'rikors, madankollu l-indikazzjonijiet huma hekk. L-Artikolu 37 (2) jghid illi *Jekk is-socji ma jaqblux dwar min ghandu jinhatar stralcjarju, il-hatra ghandha issir mill-Qorti wara rikors minn xi wiehed mis-socji.* F'din il-kawza l-attur qed jitlob il-hatra ta' amministratur provizorju, ordini ta' stralc u l-hatra ta' stralcjarju. L-Artikolu 228 imsemmi fic-citazzjoni jghid illi *Il-Qorti tista' b'ordni tahtar amminstratur provizorju wara li jkun gie presentat rikors ghal stralc.* Il-Qorti ma hijiex ser tippronunzja ruhha dwar jekk jistax tintalab il-hatra ta' amminstratur provizorju fl-istralc ta' socjeta *en nom collectif*, izda huwa car li kull talba li ghamel l-attur trid issir b'rikors, jekk huwa qed jibbaza t-talba tieghu, apparti fuq l-Artikolu 35 fuq l-Artikolu 228 u 402 (ghalkemm dan zgur ma japplikax ghal socjeta *en nom collectif*).

Ghalhekk il-Qorti ma tistax, kontrarjament ghal kif ghamlet fil-kawza Mizzi vs Grech thalli l-kawza ghaddejja u thoss li ladarba l-ligi timponi fuq it-tlett talbiet attrici l-procedura ta' rikors.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' r-raba eccezzjoni tal-konvenuti u tillberahom mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjes tal-kawza jigu sopportati mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------